MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 495/2002/1

**National Pool Administration Board u b'nota ta' l-4 ta' Gunju 2004, il-Kunsill Malti ghall-Isport assuma l-atti tal-kawza minflok in-National Pool Administration Board**

**vs**

**San Germain Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 t’Awissu tas-sena 2002 li permezz tieghu il-bord attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Thallas lill-istanti s-somma ta’ tlett elef, tmien mija u erbgha u disghin Lira Maltin u ghoxrin centezmu, (LM3,894.20), ammont dovut ghall-kiri u servizzi li nghataw mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta ghall-uzu ta’ “catering premises” fin-National Pool Complex;

2. Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta maghmula mis-socjeta’ attrici liema socjeta’ hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-28 t’Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta ecceppiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, diga’ saret tpacija *ipso jure* bejn il-partijiet sa l-ammont ta’ hames mija u hamsin Liri Maltin, (LM550.00,0);

2. Illi ghar-rimanenti, l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici mhux dovut peress li mhux ibbazat fuq “metered usage” skond ma jistipula l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-30 ta’ April 1998;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont rimanenti reklamat mis-socjeta’ attrici huwa esagerat;

4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

Rat it-talba rikonvenzjonali tas-socjeta’ konvenuta datata wkoll it-28 t’Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha ipprezentat is-segwenti kontro-talba:

1. Tghid ghaliex is-socjeta’ attrici rikonvenuta m’ghandhiex tkun ikkundannata thallas lis-socjeta’

konvenuta rikonvenjenti s-somma ta' seba' mija u tlieta u tmenin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu, (LM783.56,0), rapprezentanti bilanc ta' bejgh ta' ghamara u ta' "catering services" rezi lis-socjeta' attrici rikonvenuta u dan wara li tnaqqsu hames mija u hamsin Lira Maltin, (LM550.00,0), ipso iure bhala tpacija;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta' attrici rikonvenuta liema socjeta' attrici rikonvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Bord attur ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta datata l-11 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' San Germain Ltd. huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt billi kull ammont li seta' talvolta gie dovut lilha min-National Pool Administration Board gja gie mnaqqas mill-ammont mitlub fl-avviz promotorju ta' dawn il-proceduri;

2. Salv kull eccezzjoni ohra permessa mill-ligi.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-Bord attur istitwixxa l-procedura odjerna ghaliex qed jippretendi l-ammont indikat fl-avviz promotur ta' din il-procedura a bazi ta' erba' (4) kontijiet rilaxxati mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma rigwardanti l-ilma uzat fi Blokk numru `B' tal-Pixxina Nazzjonali ta' l-Ghawm, ta' Triq Tal-Qroqq, l-Imsida, ghall-perjodu mis-16 ta'

Novembru ta’ l-1997 sal-24 ta’ Mejju tas-sena 2000, (ara fol 16-19);

2. Illi komplessivament l-erba’ kontijiet rilaxxati mill-Korporazzjoni fuq imsemmija jammontaw ghall-hamest elef u tletin Lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu, (LM5,030.23,0);

3. Illi l-Bord attur isostni li la l-kontijiet relattivi jindikaw li huma relattivi ghall-Blokk `B’ tal-imsemmija pixxina “…ghalhekk dawn il-kontijiet huma relattivi ghall-fond gestit mis-socjeta’ konvenuta”, (ara fol 13);

Ikkkunsidrat:

Illi skond id-dokumentazjoni li ghandha l-istess Korporazzjoni fuq indikata s-servizz ta’ l-ilma hu moghti fi “Block B National Swimming Pool Triq tal-Qroqq Msida MSD04” u l-persuna responsabbli ghall-istess jidher li hu ndikat “The Secretary”, tal-Bord attur, (ara fol 31 u 31);

Ikkunsidrat:

Illi a bazi ta’ skrittura privata datata t-30 t’April ta’ l-1998 li l-awtenticita’ u l-legalita’ taghha ma gietx skossa mill-ebda wahda mill-partijiet, ghalkemm prima facie jidher li hemm firmatarju nieqes, li allura jitfa’ dubji serji fuq il-legalita’ tad-dokument de quo, il-vertenza odjerna bejn il-partijiet tidher li giet hemm gia’ indirizzata;

Illi stante li l-partijiet ma ndirizzaw l-ebda kwezit fis-sens indikat fil-paragrafu precedenti, din l-iskrittura qed titqies vinkolanti bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fis-subinciz 3 ta’ l-artikolu 10 ta’ l-istess skrittura s-servizz ta’ l-ilma kellu jigi mhallas mill-operatur, senjatament mis-socjeta’ konvenuta, purche’ il-pagamenti tas-servizz ta’ l-ilma, (li hu l-limitu ta’ l-avviz odjern), ikun imkejjel bl-arlogg ta’ l-ilma;

Illi pero' jirrizulta li la kien hemm arlogg ta' l-ilma fi Blokk `B' fuq indikat u wisq anqas gie imkejjel l-ilma oggettivament ghas-sodisfazzjoni tas-socjeta' konvenuta;

Illi di piu' jirrizulta biss li l-utent registrat mal-Korporazzjoni msemmija huwa l-Bord attur u s-socjeta' konvenuta ma tiffigurax;

Illi effettivament l-uzu ta' l-ilma mis-socjeta' konvenuta qatt ma gie ghalhekk imkejjel u rapportat skond l-istess ftehim u allura rekwizit importanti miftiehem bejn l-istess firmatarji tal-ftehim fuq indikat huwa mankanti;

Illi ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta uzufriet ruhha mill-procedura odjerna biex hi wkoll tivvanta t-talba taghha fil-konfront tal-Bord attur ghall-bilanc ta' bejgh ta' ghamara u servizzi ta' restawrazzjoni indikati fit-talba rikonvenzjonanti taghha;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta ssostni li hi gieli tat dawn is-servizzi lill-Bord attur izda qatt ma thallset taghhom;

Illi pero' din is-socjeta' ma jirrizultax li gabet xi prova oggettiva fir-rigward;

Illi ghaldaqstant din il-qorti stante n-nuqqas ta' prova fir-rigward tirrespingi t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta' konvenuta, bl-ispejjez."

Iz-zewg kontendenti appellaw minn din is-sentenza in kwantu hassewhom aggravati bil-fatt illi, fil-kaz tal-Bord attur giet respinta t-talba tieghu, u fil-kaz tas-socjeta` konvenuta, giet michuda l-kontro-talba.

Il-bazi ta’ l-appell tal-Bord attur jikkonsisti essenzjalment fl-ilment illi, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Qorti, t-talba taghha tinsab sostnuta bil-prova illi s-servizz gie provvdut fl-ambjenti ad uzu tas-socjeta` konvenuta li, del resto, ammettiet li ghandha thallas.

Invece ghal dak li jikkoncerna l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta din tikkontendi illi l-ammont pretiz minnha ghal servizzi provvduti u bejgh ta’ ghamara gie provat minnha li hu dovut stante li x-xhieda tar-rapprezentant taghha fir-rigward ma gietx kontradetta mill-kontro-parti.

Huwa ben ovvju mill-kontenut ta’ dawn iz-zewg appelli, kemm dak principali kif ukoll dak incidentali, illi l-qofol taghhom jikkonsisti f’kontestazzjoni tal-mod kif l-ewwel tribunal ghamel l-apprezzament tieghu tal-provi. Li jfisser allura li din il-Qorti ta’ revizjoni jokkorrielha tezamina l-atti tal-kawza biex tara jekk dan l-apprezzament giex sewwa indirizzat u ghandux jigi sostenut jew imwarrab.

Kif inhu maghruf il-mezzi tal-provi huma katalogati mil-legislatur taghna principalment fil-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.  Naturalment ix-xorta tal-prova hi mhollija fl-ghazla tal-partijiet fil-kawza.  Dak li hu vitali hu li din il-prova tkun wahda effettiva li kapaci twassal ghal konvinciment lil min irid jiggudika dwarha meta jigi biex jivvalutaha u jgharbel l-effikacja taghha.

Kif saput, oggett vitali ta’ kull prova hi dik li ssostni l-allegazzjoni ghall-iskop tad-decizjoni.  Dan fis-sens illi skond esigenza logika min jallega ghandu doverosament jaghti prova tal-ezistenza tal-fatt, kemm fil-kaz tat-talba primarja kif ukoll fil-kaz tal-kontro-talba.

Skond massimi sterjotipati ben konoxxuti u adottati fil-gurisprudenza taghna jinghad li “actori incumbit probatio” u “actore non probante reus absolvitur”.  Tali oneru jiggrava kemm fuq l-attur kif ukoll fuq il-konvenut rikonvenzjonant fir-rigward tal-kontro-talba tieghu. Logikament allura jekk il-kontendenti ma jiskarikawx dan l-oneru dan igib zvantagg ghalihom in kwantu jibqa’

jiddomina stat ta’ incertezza tal-fatt allegat. U allura konsidrat l-inezistenza tal-fatt in kwantu mhux provat, il-pronunzjament ma jistghax hlief jitraduci ruhu f’wiehed “non liquet”.

Premessi dawn ir-riflessjonijiet, ghandu jinghad fir-rigward ta’ l-appell principali illi konkordament ma’ l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssibx mill-provi offerti mill-Bord attur u mir-rizultanzi istruttorji ohrajn illi dan irnexxielu adegwatament isostni l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu.

Il-konkluzjoni hekk raggunta qed issir in bazi ghal dawn l-osservazzjonijiet:-

1. L-Operating Agreement bejn il-kontendenti a fol 35 dahal fis-sehh b’effett mill-1 ta’ Mejju 1998 u ntemm fl-24 ta’ Mejju 2000. L-ammont mitlub mill-Bord appellant jikkorrispondi ghall-erba kontijiet tad-dawl u ilma ghall-perijodu kopert bl-iskrittura (Ara xhieda ta’ Maurice Grupetta, fol 13). Skond din l-istess skrittura s-socjeta` konvenuta, qua operatur, kienet tenuta thallas ghas-servizzi tad-dawl u tal-ilma “as per metered usage” (Article 10(2)).

2. Issa apparti l-fatt ammess mill-istess xhud Maurice Grupetta illi l-kontijiet in ezami qatt ma ntbaghtu lis-socjeta` konvenuta (fol 34), ma jistghax lanqas jinghad li gie mill-istess Bord appellant sodisfacentement provat illi dak mitlub fi hlas mis-socjeta` konvenuta sar konformement ma’ dak kontemplat fl-iskrittura ta’ ftehim. Skrittura din li gjaladarba ma gietx kwerelata b’falsita` taghmel prova tal-pattijiet fiha kontenuti. Kompriz allura li l-konsum tad-dawl u tal-ilma jsir “as per metered usage”. Fatt dan li apparti li ma giex provat gie assidwament kontestat mill-kontro-parti.

3. Ezami anke superficjali tal-kontijiet esebiti ghandu jibbasta bhala dimostrazzjoni tal-fatt illi dan il-konsum ma tkejjilx kif suppost. Hekk, per ezempju, din il-Qorti ma ssibx spjegazzjoni plawsibbli ghal fatt illi mentri l-Bord appellant jippretendi rimbors ghal dan il-konsum ta’ Lm2914.35 (Dok MG2) ghall-perijodu mill-1 ta’ Mejju 1998

sat-18 ta' Frar 1999, ghall-perijodi l-ohra, kif manifest mill-kontijiet l-ohra (Dok MG3, MG4 u MG5) l-ammonti registrati, u allura pretizi, huma markatament ferm inferjuri. Ghall-Qorti din hi evidenza cara illi r-rimbors pretiz ma sarx skond kif dikjarat fl-iskrittura ta' ftehim.

4. Agguntivament, oltre dan ghandu jigi konsiderat ukoll il-fatt illi, kif dikjarat, fl-ambjenti tal-pixxina li jinghad li kienu okkupati mis-socjeta` konvenuta kien hemm terzi persuni ohra joperaw. Jista' forsi jizdied ukoll illi fil-kors tal-provi tqajjem dubju jekk effettivament l-ambjenti okkupati mis-socjeta` konvenuta kienux dawk formanti parti minn Blokk B li ghalih jikkorrispondu l-kontijiet.

Stabbiliti dawn l-osservazzjonijiet, bir-rispett kollu din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mar-ragonament dedott mill-Bord appellant fl-aggravji tieghu. L-insufficjenza tal-provi jew in-nuqqas ta' provi kjari u certi ma jservux biex isostnu l-bazi tat-talba. Aktar u aktar imbaghad, meta, bhal f'dan il-kaz, giet kontrapposta difiza li bla dubju skossat sew il-legittimita` tal-pretensjoni. L-appell principali tal-Bord appellant fic-cirkostanzi dedotti ma jistghax jigi sostnut.

Kwantu ghall-appell incidentali s-socjeta` konvenuta tirrikjama l-attenzjoni ghall-fatt illi dak dikjarat mir-rapprezentant taghha ma giex kontrastat mill-kontro-parti. Din il-Qorti hi tal-fehma illi dan l-argoment ma jistghax iservi ta' suffragju lis-socjeta` konvenuta. Dan ghaliex fl-ewwel lok ir-regola tradizzjonali tibqa' dik "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat". Ifisser allura illi s-socjeta` konvenuta ma kienetx ezonerata mill-prova tal-fatt kostituttiv tad-dritt azzjonat minnha. Il-fatt kellu konsegwentement jigi sorrett mill-prova attendibbli li taghti sosteniment lill-allegat bejgh u prestazzjoni ta' servizzi. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti fejn irragunat bil-motivazzjoni taghha illi s-socjeta` konvenuta ma gabetx prova oggettiva tal-pretiza taghha. Dan ghaliex mhux konsentit lill-gudikant li jqieghed b'fondament tad-decizjoni tieghu il-fatt mhux provat, lanqas meta jiggudika fuq bazi ta' ekwita`.

L-appell incidentali nterpost mis-socjeta` konvenuta qieghed konsegwentement jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi kemm l-appell principali tal-Bord attur kif ukoll l-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez gudizzjarji jibqghu sopportati kwantu ghall-appell principali minn National Pool Administration Board u kwantu ghall-appell incidentali mis-socjeta` San Germain Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------